MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 13/2007

Kawza fil-lista: 36

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-kontendenti zzewgu fl-14 ta' Settembru 1991 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. A).

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bi vjolenza morali u biza' u dan kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(a) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew iktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendentifl-14 ta' Settembru 1991.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament ingunt ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-14 ta' Settembru 1991 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a][d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Settembru 1991 meta allura l-attrici kellha 21 sena u l-konvenut kellu 27 sena u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin sporadikament hames snin. Wara konvivenza ta' circa tlett snin u nofs il-partijiet isseparaw de facto. Minn dan iz-zwieg ma twildux tfal.

Il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta car li l-attrici kienet ipproponiet li tizzewweg lill-konvenut sabiex tehles mis-sikkatura esagerata li kellha d-dar u tigwadanja l-liberta' li qatt ma kellha qabel. Dan jinsab konfermat ukoll miz-zija taghha, Joanne Sheehan li tigi oht ommha, li kkonfermat kemm omm l-attrici, kienet tissikkaha. Din qalet "A lili kienet gieli tghidli li l-aktar haga mportanti ghaliha kien illi titlaq minn taht is-saqaf ta' ommha u ma kienx importanti lil min kienet ser tizzewweg, basta titlaq."[1] L-attrici tikkonferma li hi ma kellhiex imhabba lejn il-konvenut meta zzewgitu u zzewget biss ghall-imsemmi skop.

Hija tghid li ma kienx hemm impenn ghaz-zwieg miz-zewg nahat; u l-att taz-zwieg kien isir bil-prekawzjonijiet u mhux miftuh ghat-tfal. Tghid li: "Fil-fatt kwazi mmedjatament wara li zzewwigna kemm jiena kif ukoll C bdejna nfittxu hbiberiji ohra u divertiment ma' hbieb taghna separatament minn xulxin. Tghid ukoll: "Sena wara li zzewwigna jiena ndunajt li C kien f' relazzjoni ma' mara ohra."

Sussegwentement l-attrici dahlet f' relazzjoni extra matrimonjali li minnha twieled tifel.

Minn naha tieghu l-konvenut fid-deposizzjoni[2] tieghu, filwaqt li jichad li kellu relazzjoni extra matrimonjali kif sostniet l-attrici, jikkonferma li l-attrici "kienet tghid li ma trid tfal, imbaghad f' daqqa wahda giet tghidli li hi tqila minghand haddiehor". Huwa jghid li l-attrici "Trid tohrog dejjem bil-lejl, tghid li sejra ghax-xoghol, ma kontx naf fejn tmur jien, qatt ma mort warajha; imma ma riditx tirranga hi", u dan "minn mindu zzewget" Huwa jikkonferma li l-

[1] Affidavit fol.46 *et seq.*
[2] Deposizzjoni fols.65 *et seq.*

attrici hija persuna li thobb il-liberta', kienet it-tip ta' persuna li kienet thobb tohrog u tgawdi u thobb il-liberta'. "Ftit kienet tkun id-dar hi. Tkellimha u ghalxejn; ma tismax."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi din il-Qorti, wara li semghet liz-zewg partijiet jixhdu, u wara ezami rett tal-provi, hija tal-fehma li z-zwieg in disamina huwa null stante li l-kunsens matrimonjali ta' l-attrici kien vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

Mill-provi jirrizulta car li meta zzewget l-attrici ma gharrfitx bizzejjed l-import, drittijiet u dmirijiet, tal-hajja konjugali u kienet biss stimulata bil-herqa li tigwadanja l-liberta' li ma kellhiex meta kienet ghadha xebba. Jidher li l-attrici ma kinitx fehmet li z-zwieg ma kienx mezz biex tigwadanja l-liberta' u xejn aktar, imma kien rabta bazata fuq konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku tal-konjugi, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 imputabbli lill-attrici.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi iz-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-14 ta' Settembru 1991. L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------